# Nemla wara l-oħra

Darba waħda kien hemm familja tan-nemel. Kienu jgħixu flimkien fil-bejta tagħhom, li kienet ħofra fil-ħamrija b'ħafna kmamar. Ir-reġina tan-nemel, li kienet il-Mamà tagħhom, kienet tgħix fl-akbar kamra. In-nemel kienu jħobbu lir-reġina tagħhom u dejjem jisimgħu minnha.

Kuljum, in-nemel kienu joħorġu jfittxu l-ikel, jimlew ħafna kmamar fid-dar tagħhom. Ir-reġina kienet kuntenta tara n-nemel tagħha jaħdmu ħafna.

In-nemel suldati, li huma aktar kbar u b'rashom kbira, kienu joqogħdu għassa mad-dar. Id-dar kienet fil-ġnien ta' mara traskurata. Darba waħda, tefgħet sigarett fuq l-ħaxix niexef, u qabad in-nar li infirex madwar il-ġnien kollu.

In-nemel xammew ir-riħa tad-duħħan u bdew jgħajtu, "Nar! Nar!"

Ġrew għand ir-reġina, li qaltilhom biex jitilqu mill-bejta malajr, jieħdu magħhom biss in-nemel żgħir. Ħallew l-ikel warajhom.

Ir-reġina ħarġet l-ewwel waħda, u n-nemel imxew kollha f'linja waħda warajha. In-nemel bdew imissu lil ta' quddiemhom bl-antenni tagħhom biex ħadd ma jintilef. Ir-reġina sabet toqba f'ħajt u għaddew minnha. Ħadithom f'għalqa kbira fuq in-naħa l-oħra. Ir-reġina ċċekkjat biex tara li kulħadd kien sigur.

Issa kellhom bżonn isibu dar ġdida. Ir-reġina rat siġra kbira u qalet, "Ejjew nibnu l-bejta l-ġdida tagħna hemmhekk."

In-nemel ħadmu ħafna flimkien u fl-aħħar kellhom dar-bejta kbira daqs dik li kellhom qabel.

L-għada, tifla jisimha Anna ġiet fl-għalqa biex tilgħab. Rat in-nemel u tathom biċċa ħobż żgħira. In-nemel ħadmu flimkien biex iġorru l-ħobż għad-dar tagħhom. Anna kienet kuntenta u bdiet tiġi kuljum b'aktar ħobż sakemm waslet ix-xitwa.

In-nemel kienu siguri u sħan fid-dar il-ġdida tagħhom. Kienu jieklu l-ikel li tathom Anna, u ħadd ma spiċċa bil-ġuħ dik ix-xitwa.

Prosit, Anna!

© BirdLife Malta

# Ants in a row

Once upon a time, there was a family of ants. They lived together in their nest, which was a hole in the ground with many rooms. The queen ant, who was their mummy, lived in the biggest room. The ants loved their queen and always listened to her.

Every day, the ants went out to find food, and they filled many rooms in their nest. The queen was happy to see her ants working hard.

The soldier ants are bigger and they have huge heads, their work is to guard the nest. The nest was in a garden and the owner of the garden a careless woman. One day, she threw a cigarette on the dry grass. The grass it caught fire and the fire spread all over the garden.

The ants smelled the smoke and shouted, “Fire! Fire!”

They ran to the queen, who told them to leave the nest quickly.

“Take only our baby ants. Leave the food behind.”

The queen led the way, and the ants followed her in a row, touching the one in front with their antennae so no one got lost. They found a hole in a wall and went through it into a big field on the other side. The queen checked to make sure everyone was safe.

They needed to find a new home. The queen saw a big tree and said, “Let’s build our new nest there.”

The ants worked hard and soon they had a nest as big as the old one.

The next day, a girl named Anna came to the field to play. She saw the ants and gave them a small piece of bread. The ants worked together to carry the bread to their nest. Anna was happy and came back every day with more bread until winter arrived.

The ants were safe and warm in their new nest. They ate the food Anna gave them, and nobody was hungry that winter.

Well done, Anna!